MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 473/2004

**J.E.M. Investments Limited**

**Vs**

**Carmelo Calleja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm952.15c (disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu) rapprezentanti kera dovuta ghal erba' snin ghall-perjodu mill-1 ta' Settembru, 2000 sal-31 t'Awissu, 2004 in konnessjoni mal-fond ossija garage mmarkat bin-numru (1) fit-Triq it-Trunciera t-Twila, San Gwann u dan skond skrittura tat-3 ta' Frar, 1994.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Mark Attard Montalto li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm952.15c (disa’ mija u tnejn u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------